MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 72/2004

**Salvina mart Angelo Mercieca; Antoinette xebba Galea; Raymond Galea kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsiefra ohtu Mary mart Loreto Attard; Joseph Mercieca bhala mandatarju ta' l-imsiefer Frank Galea; Anthony Grima; Maria armla ta' Michael Portelli; Dorothy Camilleri; Frank Camilleri; Yvonne mart Anthony Camilleri; Miriam mart George Borg; Carmel Camilleri; Joseph Camilleri; Adrian Camilleri**

**Vs**

**Andrew u Lorena konjugi Vella; Michael u Olympia konjugi Borg; Michael u Pauline konjugi Vella; Peter Vella; u Salvu u Bernardette konjugi Vella.**

**Actio Spolii dwar xatba li tqieghdet fl-entratura ta' ghalqa li minnha l-atturi jallegaw li kienu jghaddu sabiex jidhlu fl-artijiet taghhom.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-7 ta' Lulju 2004 li permezz taghha l-atturi ppremettew li fil-pussess taghhom ghandhom diversi bicciet ta' raba' li jinsabu fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Truppu sive Ta' Kusbejja limiti tan-Nadur, Ghawdex.

Din ir-raba' hija interkjuza u accessibbli minn passagg li jizbokka fi Triq l-Imgarr, Nadur, Ghawdex, liema passagg ighaddi minn fuq ir-raba' tal-konvenuti.

Dan il-passagg wara li jghaddi minn fuq ir-raba' tal-konvenuti jibqa' ghaddej minn fuq ir-raba' ta' l-attur Toni Grima, wara ta' Coronato Ellul, u wara minn fuq ir-raba' ta' l-atturi Galea, Mercieca u Attard, wara minn fuq ir-raba' ta' l-atturi Camilleri u Borg u jwassal sar-raba' ta' l-attrici Maria Portelli.

Fl-ahhar jiem ta' Mejju jew fl-ewwel granet ta' Gunju 2004, il-konvenuti wahhlu xatba tal-hadid li tinqafel bic-cavetta fil-bidu tal-passagg fuq Triq l-Imgarr, Nadur, Ghawdex.

L-istess konvenuti taw cavetta ta' din ix-xatba tal-hadid lil Coronato Ellul biss u qeghdin jirrifjutaw li jnehhu l-istess xatba.

Dan l-agir huwa illegali u jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

Ghalhekk l-atturi talbu sabiex il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.
2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti huma jispurgaw l-ispoll minnhom kommess u jnehhu x-xatba tal-hadid biex jerga' jithalla liberu l-passagg li jwassal ghar-raba' ta' l-atturi.

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti jifthu tali access ghar-raba' taghhom ghas-spejjez tal-konvenuti.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti Michael u Pauline konjugi Vella fil-11 ta' Awwissu 2004[1], eccepew:-

1. Illi huma m'humiex il-legittimi kontradittturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante li huma ma ghandhomx x'jaqsmu ma twahhil tax-xatba u ma kkommettew ebda spoll. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju tal-konvenuti l-ohra kollha.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti l-ohra fid-19 ta' Awwissu 2004, eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok jrid jigi verifikat kemm tabilhaqq in-nies kollha ndikati bhala atturi taw il-kunsens taghhom li l-kawza ssir f'isimhom; bizzejjed jinghad li l-attrici Dorothy Camilleri lanqas biss ghandha l-kapacita' mentali li tintavola kawza;
2. Illi l-atturi Raymond Galea kif ukoll Joseph Galea jridu jgibu prova tal-mandat tal-persuni minnhom rapprezentati;
3. Illi l-atturi jridu qabel xejn jippruvaw il-pussess taghhom ta' jedd ta' passagg mill-proprjeta' tal-eccipjenti;
4. Illi bla pregudizzju, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi ma jirrikorrux l-estremitajiet rikjesti mil-ligi ghall-ezercizzju tal-azzjoni ta' spoll privileggat u cjoe' l-ispoll, il-pussess u l-ezercizzju tal-azzjoni fiz-zmien ta' xahrejn.
5. Illi kif anke ammess mill-atturi nfushom, l-eccipjenti taw ic-cavetta lil min verament ghandu l-jedd ta' passagg, u sahansitra lil min *de facto* f'dawn l-ahhar snin uza l-passagg, izda ma kinux lesti li jaghtu cavetta lil min m'ghandu l-ebda dritt jghaddi u fil-fatt qatt m'ghadda mill-passagg de quo.

---
[1] Fol. 29.

6. Illi din il-kawza qieghdha ssir ghal motivi ulterjuri, hija istitwita b'abbuz tad-dritt, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bi spejjez doppji kontra taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzI n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-kontendenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2007 fejn jinghad li l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Fit-3 ta' Lulju 2007 il-Qorti ghamlet access fuq il-post fejn rat ix-xatba li twahhlet kif ukoll dahlet fl-art tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:-

1. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni li Dorothy Camilleri m'ghandiex il-kapacita' mentali biex tkun parti f'kawza, ma tressqet l-ebda prova min-naha tal-konvenuti. Dwar il-bzonn li tinghata xi prova li l-atturi kollha taw il-kunsens li ssir il-kawza, il-Qorti tifhem li l-presunzjoni ghandha dejjem tkun li l-kunsens inghata. Imbaghad jispetta lill-konvenuti li jgieb prova biex juri li l-atturi, jew xi hadd minnhom, ma riedx ikun parti fil-kawza. Minn dan kollu ma sar xejn u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

2. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni (fol. 32), l-atturi Raymond Galea u Joseph Galea (recte Mercieca[2]) iridu jgibu prova tal-mandat li suppost ghandhom sabiex jidhru ghan-nom u in rapprezentanza tan-nies li fic-citazzjoni gie dikjarat li qeghdin jidhru wkoll f'isimhom. Joseph Mercieca xehed li *"jiena nigi n-neputi ta' Frank Galea li jinsab imsiefer fl-Awstralja u jiena l-prokuratur tieghu"* (Fol. 48). Prova li ma giet bl-ebda mod kontradetta u hu maghruf li ma kienx hemm htiega li tingieb prova tal-mandat bil-miktub in kwantu tista' tingieb prova *aliundem*. Min-naha

[2] F'dan ir-rigward il-Qorti qeghda ex officio tordna korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni fis-sens li l-isem Joseph Galea ghandu jaqra Joseph Mercieca.

ta’ l-attur Raymond Galea ma tressqet l-ebda prova li huwa l-mandatarju tal-assenti Mary Attard.

3. Din il-kawza tittratta passagg li l-atturi jikkontendu li gie mwaqqaf unilateralment mill-konvenuti kontra il-volonta` taghhom meta tpoggiet xatba tal-hadid fil-bidu tal-passagg, liema agir jsostnu li jikkostitwixxi spoll;

4. Jibda biex jinghad li dawn il-proceduri m’humiex intizi biex jigi dikjarat li l-atturi (jew min minnhom) jgawdu servitu’ ta’ passagg mir-raba’ tal-konvenuti (jew min minnhom). Huwa maghruf li *“n-natura ta’ l-azzjoni ta’ spoll hija proprju biex tevita li wiehed kif jinghad “jiehu l-ligi b’idejh”; mhux eskluz li l-konvenuti jista’ jkollhom dritt legali ghall-pretensjoni taghhom li l-attur ma ghandux jibqa’ juza dak il-passagg; biex jiehdu dan l-allegat dritt il-ligi taghtihom rimedji cari; il-ligi ma tridx pero` li wiehed ibiddel l-istat ta’ fatt kontra l-volonta` ta’ dak li jkun qed igawdi mill-posizzjoni attwali. Ghalhekk giet imdahhla fil-ligijiet taghna “l-istituzzjoni” apposita biex proprju tirregola din il-materja u thalli l-pronunzjament finali jinghata wara li jsiru d-debiti konsiderazzjonijiet f’kawza differenti”* (Qorti t[3]a’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **George Falzon vs Joseph Camilleri et** deciza fit-28 ta’ Dicembru 2001). Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-konvenuti permezz tat-tielet ecezzjoni, m’huwiex minnu li l-atturi ghandhom obbligu li jaghtu prova li jippossjedu xi jedd mill-imsemmi passagg. Ghal finijiet ta’ din il-kawza lanqas mhu rilevanti jekk jezisti xi passagg alternattiv ghar-raba’ ta’ l-atturi;*“neanche’ e’ permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche’ la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e’ vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui*” (**Vol Xp55**).

3 Fol. 83.

5. Bla dubju mill-provi jirrizulta li:-

1. Ghal snin twal hafna ma kienitx tezisti xatba fl-entratura (ara per ezempju xhieda ta' Dr. Christopher Said[4], Maria Portelli[5], Anthony Grima[6]) li taghti ghal gewwa l-proprjeta' li minnha l-atturi jippretendu li ghandhom id-dritt ta' passagg sabiex jidhlu ghall-ghelieqi taghhom. Bl-istess mod meta giet biex titqieghed ix-xatba li tat lok ghal dawn il-proceduri, ma kienx hemm xatba fil-post[7]. Ghalkemm mill-provi jidher ukoll li fil-passat kien hemm xatba, snin twal ilu din ma' baqghetx fil-post. Il-konvenut (Saviour Vella) accetta wkoll li x-xatba originali ma baqghetx fil-post sa minn meta r-raba' ghaddiet ghandu, li skond hu kien fl-1983[8]. Minn dak iz-zmien ma jirrizultax li kien hemm xi haga li qeghda tostakola d-dhul ghal gewwa l-art ta' Vella.

2. Ix-xatba inhadmet u tpoggiet fuq il-post minn certu Joseph Bonnici. Kienu Saviour Vella[9], ibnu Andrew[10] u l-konvenuta Lorena Vella (mart Andrew Vella) li ddecidew li ssir din ix-xatba. Sussegwentement, jidher li hadet hsieb kollox Lorena Vella biex sar ix-xoghol mill-imsemmi Joseph Bonnici. Min-naha tal-konvenuti l-ohra Michael Vella[11] u Peter Vella[12] (l-ahwa ta' Saviour Vella), jidher li dawn kienu jafu li ser issir din ix-xatba u m'oggezzjonawx. Anzi jidher li ftehemu li din ix-xatba ghandha titwahhal.

3. M'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-passagg in kwistjoni kien (qabel ma twahhlet ix-xatba) jintuza wkoll mill-attur Anthony Grima. Fl-istess affidavit li ghamel il-konvenut Saviour Vella naqraw:- *"dawn l-ahhar hmistax-il sena, circa beda jghaddi wkoll certu Toni Grima……"*,

---

[4] Fol. 40.
[5] Fol. 42.
[6] Fol. 190.
[7] Ara per ezempju kontro-ezami ta' Joseph Bonnici (seduta tat-12/1/2007) li kien il-persuna li hadem u pogga x-xatba.
[8] Fol. 190.
[9] Fl-affidavit xehed:- "meta ghamilna l-gate…….".
[10] Ara affidavit a fol. 193.
[11] Ara affidavit a fol. 192.
[12] Ara affidavit a fol. 191.

ghalkemm ix-xhud kompla jghid li Anthony Grima kien ighaddi minn hemm *"….bi pjacir taghna"*[13].

6. Fir-rigward tal-element tal-pussess mehtieg f'kawza ta' din ix-xorta;- "*l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tigi milqugha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll . L-espressjoni wzata mill-ligi –"**possession of whatever kind**" – dak li jinteressana f'dal-kaz – tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz ; imma pero' tesigi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess ; l-ghaliex, jekk l-attur f'kawza bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*." (**Margherita Fenech v. Pawla Zammit** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April, 1958 Vol.XLII.II.975). Hekk ukoll gie osservat li, *"il-pussess mehtieg hu dak materjali u de facto, ikun x'ikun, u mhix mehtiega l-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu s-semplici detenzjoni. L-attur dejjem irid jipprova li ghandu "un possesso di fatto". Il-pussess fl-ispoljat ma ghandux bzonn ikun ta' zmien twil; **dan jista' jkun qasir hafna u sahansitra momentanju**"* (**Gio Maria Carabott et vs Spiridione Bonnici et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[14] fit-30 ta' Marzu 2007). Rilevanti wkoll hija s-sentenza fl-ismijiet **Peter Sciberras et vs Angelo Calleja et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Jannar 2007:- *"Ghar-rigward ta' l-element tal-pussess gie ritenut mill-*

---

[13] Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Felix Fenech et vs Carmelo Bonanno et** moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998 (Vol. LXXXII.ii.934):- *"Kif gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza, eccezzjoni ta' din ix-xorta hi 'f'kull kaz legalment insostenibbli in kwantu kwistjoni ta' tolleranza m'ghandhiex normalment tigi ezaminata f'dan il-gudizzju semplicement possessorju privileggjat' (Vol. XXXVI.i.292; Vol. XXX.i.85; Xuereb vs Sant Fournier, Appell Civili 12 ta' Dicembru 1952; Borg vs Dalli, Appell Civili 22 ta' Marzu 1984; Wismayer vs Wismayer, Prim'Awla 5 ta' Ottubru 1992 u ohrajn)"; "it-tolleranza ma ghandhiex tigi prezunta u ghandha tigi pruvata almenu 'prima facie'…. il-piz ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza"* (Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef Philip Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet **Caruana v Spiteri** deciza 24.03.2004).

[14] Onor. Imhallef G. Valenzia.

*gurisprudenza li biex tigi esperita b'success din l-azzjoni,* ***l-attur ghandu jipprova li filwaqt li sar l-eghmil ilmentat hu kien fil-pussess ta' l-oggett – pussess kwalunkwe anke purament materjali*** *jew ta' fatt – u li gie spoljat minnu…..".* Fic-cirkostanzi l-Qorti tqies li r-riferenza li ghamlu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ghal xi awturi bhal Baudry-Lacantinerie, m'hijiex rilevanti meta wiehed iqies x'inhu l-insenjament tal-Qrati taghna dwar il-pussess bhala wiehed mill-elementi ta' *actio spolii*. Kif sewwa nghad fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri vs Giglio** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Jannar, 1883 (Vol. X.556):- *"neanche e' permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia 'animo domini' o no, perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto e si concede anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui".* Il-Qorti ser tghaddi issa biex tara wiehed wiehed min mill-atturi fil-fehma taghha jirrizulta li kellu l-*possesso di fatto* minn dan il-passagg fiz-zmien rilevanti ghall-iskop ta' din l-azzjoni:-

1. **Salvina Mercieca** xehedet li kienet ilha hmistax-il sena ma tghaddi minn dan il-passagg (fol. 37) meta nzertat ghaddejja minn Triq l-Imgarr u rat li kienet twahhlet xatba.
2. **Maria Portelli** xehedet li kienet nizlet fir-raba' li ghandha f'dawk l-inhawi ftit qabel ma tpoggiet ix-xatba (fol. 42). Xehedet, *"din ir-raba' kont nahdimha permezz ta' l-irgiel tal-bniet. L-ahhar li nhadmet nikkalkola ilu sena…Mistoqsija dwar kemm ilni jien personalment ma ninzel f'din ir-raba, nghid illi nikkalkola sitt xhur. L-ahhar li nzilt kien ftit qabel ma tpoggiet din il-grada"* (fol. 42). Rilevanti wkoll hi x-xhieda moghtija minn Pija Ellul (xhud imressqa mill-konvenuti) li waqt il-kontro-ezami kkonfermat li meta saret ix-xatba kienet inghatat kopja tac-cavetta tax-xatba tal-hadid u li minn hemm kellha dritt li tghaddi wkoll Maria Portelli (seduta tat-12 ta' Jannar 2007)[15]. Ix-xhud Rose Muscat waqt il-kontro-ezami kkonfermat ukoll li l-access ghal fuq l-art ta' Maria Portelli

[15] Fol. 230-238.

hu minn fuq l-art ta’ Vella (fol. 228). Min-naha l-ohra l-attrici Yvonne Camilleri xehedet, *“Jiena ghandi d-dar mibnija fuq ir-rih t’hemmhekk u jidher il-passagg ghax narah, lil Tony Grima narah ghaddej, minn hemm, lil Natu narah ghaddej minn hemm, lil Marija Portelli rajtha gahddejja minn hemm, narahom jigifieri”* (fol. 92).

3. **Yvonne Camilleri u hutha Miriam Borg, Adrian Camilleri, Frankie Camilleri, Joseph Camilleri, Dorothy Camilleri, Lino Camilleri** ghandhom porzjon raba’ maghrufa bhala Ta’ Kusbejja, limiti tan-Nadur, Ghawdex. Ir-raba’ tinhadem minn Joseph Camilleri (fol. 45) pero’ skond Yvonne Camilleri huha jghaddi *“minn go tieghu ghax ghandu l-flat hemmhekk, ghandu flat, allura jghaddi minn go tieghu ghalija. Pero’ d-dritt ta’ l-ghalqa hemm qieghed ghax hekk kien imholli lilna, l-antiki minn hemm kienu jghaddu ghal go din l-ghalqa”* (fol. 91). **Carmel Camilleri** xehed li huwa qatt ma mar fir-raba’ li ghandhom il-familja f’dawk l-inhawi (fol. 50) u li r-raba’ tinhadem minn huh Joseph Camilleri. Wiehed ma jridx jinsa li f’din il-kawza qeghdin biss nittrattaw il-kwistjoni ta’ pussess u mhux jekk tezistix xi servitu’ ta’ moghdija minn fuq l-art tal-konvenuti Vella favur il-proprjeta’ ta’ l-atturi. Mill-atti lanqas jirrizulta li Joseph Camilleri ta x-xhieda tieghu.

4. **Joseph Mercieca** xehed li l-ahhar darba li kien ghamel uzu mill-passagg kien xi sentejn qabel (fol. 48). L-affidavit tieghu jgieb id-data tas-6 ta’ April 2005, igifieri f’nofs is-sena 2003 meta l-atturi jsostnu li x-xatba meritu ta’ din il-kawza twahhlet fl-ahhar ta’ Mejju 2004. Ma jidhirx li fiz-zmien tal-ispoll kien qieghed jaghmel uzu minn dan il-passagg. Dan apparti l-fatt li f’din il-kawza Joseph Mercieca m’huwiex jagixxi f’ismu personali imma f’isem terza persuna (Frank Galea) li mill-provi ma rrizultax li kellha xi pussess tal-passagg fiz-zmien rilevanti.

5. **Antoinette xebba Galea** ma jirrizultax li tat ix-xhieda taghha.

6. **Raymond Galea** xehed li kien ilu jghaddi mill-entratura li hemm fi Triq l-Imgarr fin-Nadur sa minn tfulitu (fol. 47) u ommu kellha muftieh tax-xatba li kien hemm fl-antik u li kienet inghatat lilha minn Toni Vella. Dan il-muftieh gie ezebit minn Rosa Galea animo ritirandi

(fol. 133). Ghal kull buon fini l-Qorti qeghda tawtorizza li jigi rtirat mill-atti minn Rosa Galea.

Il-Qorti hi sodisfatta li fiz-zmien meta tqieghdet ix-xatba tal-hadid, kellhom pussess materjali ta' passagg minn fuq l-art ta' Vella l-atturi Anthony Grima, Maria Portelli, u Raymond Galea. Il-ligi tezigi li dawn l-atturi ghandhom jigu reintegrati fid-drittijiet kollha taghhom u jingiebu fl-istess stat li kienu fih qabel l-agir illegali tal-konvenuti u dan qabel kull konsiderazzjoni ohra tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti fuq l-istess proprjeta; *spoliatus ante omnia restituendum*. Fir-rigward tal-atturi l-ohra l-Qorti m'hijiex sodisfatta li fiz-zmien in kwistjoni kienu qeghdin jidhlu fl-art ta' Vella bhala mezz ta' moghdija u cjoe' li kellhom il-pussess materjali ta' passagg mill-imsemmija proprjeta', u li kif rajna hu wiehed mill-elementi essenzjali sabiex taghmel l-*actio spolii* b'success. Pussess li jrid ikun manifest u univoku[16]. Kif sewwa ntqal mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** deciza fid-9 ta' Marzu 1992, *"il-ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll…. ma tatix lok ghal ebda indagni ohra barra minn dik li tistabilixxi a. il-fatt ta' pussess/detenzjoni u b. il-fatt ta' spoll. Indagni limitatissima rigoruza u skarna…."*. Dan ma jfissirx li l-art li hi proprjeta' taghhom jew li jista' ghandhom drittijiet fuqha, ma ghandhiex favur taghha servitu' ta' moghdija minn fuq l-art ta' Vella. Pero' certament li dan m'huwiex ezercizzju li ghandu jsir f'din it-tip ta' kawza. Bl-istess mod il-Qorti trid taghmilha cara li permezz ta' din is-sentenza m'hijiex taghmel xi dikjarazzjoni fis-sens li l-art ta' Vella hi soggetta ghal xi servitu' ta' moghdija. L-iskop ta' azzjoni ta' din ix-xorta m'huwiex sabiex tistabilixxi jekk jezistix titolu ta' servitu' tal-passagg, li hi servitu' diskontinwa. Tant hu

[16] Fil-kawza fl-ismijiet **Marthese Borg vs George Borg** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef J. Said Pullicino) fil-25 ta' Frar 1993 gie osservat:- *"Fl-ahjar ipotesi ghall-attrici l-pussess li tippretendi li zammet tal-fond de quo la kien manifest u lanqas univoku. "Nello spoglio l'attore e' tenuto di provare l'antico suo possesso ed il moderno possesso dello spogliante. Il primo dei suddetti estremi richiede una piena e concludente giustificazione e prove esattissime ed indubitate (29 novembre, 1856 – Camilleri vs Zammit – Cremona ibid. p. 726). Fl-ahharnett gie wkoll ritenut illi "L'azione di spoglio non puo' essere esercitata da chi decade col suo fatto e per propria colpa dal possesso" (Muscat vs Buttigieg ' 9 ta' marzo, 1876)"*.

hekk li l-pussess li trid il-ligi ghal finijiet tal-*actio spolii* m'huwiex il-pussess b'titolu ta' proprjeta' jew ta' servitu', imma pussess kwalunkwe (ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Scicluna vs Zarb** deciza fil-15 ta' Jannar 1874, Vol. VII.16).

7. Punt iehor kontrovers f'din il-kawza huwa jekk l-azzjoni saritx fit-terminu ta' xahrejn minn meta sehh l-att spoljattiv. Fil-kawza fl-ismijiet **Micro Technology Consultancy Limited vs Maria Dolores Vella Camilleri et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' April 2006:- *"Kif inghad f'sentenza ta' din il-Qorti moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet **Martin Debrincat et v. Joseph Attard**, "huwa maghruf li meta f'kawza ta' spoll konvenut jiddefendi ruhu billi jsostni li l-azzjoni ta' spoll ma saritx fit-terminu perentorju ta' xahrejn, il-prova tispetta lilu"*[17]. Uhud mill-konvenuti qeghdin isostnu li l-kawza giet intavolata wara x-xahrejn in kwantu skond huma x-xoghol sar fl-1 ta' Mejju 2004. F'dan is-sens xehedu l-konvenuti Lorena Vella (fol. 185), Saviour Vella (fol. 190), u Andrew Vella (fol. 193). Min-naha l-ohra l-atturi jsostnu li x-xatba tqieghdet fl-ahhar jiem ta' Mejju 2004 [ara per ezempju xhieda ta' Dr. Christopher Said (fol. 40), Carmel sive Lino Camilleri (fol. 50), Anthony Grima (fol. 83), u Raymond Galea (fol. 62)]. Wara li l-Qorti kkunsidrat ix-xhieda moghtija mill-kontendenti, tqies li l-verzjoni tal-atturi hija iktar kredibbli u li l-konvenuti ma rnexxielhomx jaghtu prova sodisfacenti li x-xatba twahhlet fl-1 ta' Mejju 2004. Ix-xhieda moghtija minn Joseph Bonnici (il-persuna li hadem u pogga ix-xatba) in kontro-ezami tqajjem suspett. Mal-affidavit ta' Lorena Vella gie prezentat kont datat l-1 ta' Mejju 2004[18] u li bih il-konvenuti qeghdin jipprovaw isahhu l-verzjoni taghhom li x-xoghol sar fl-1 ta' Mejju

[17] Fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bennie vs Dr. Beppe Fenech Adami et noe** (Citaz. Nru: 1378/99JRM), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kkonfermat li t-terminu li fih trid tinbeda l-azzjoni, *"bhal kull wiehed iehor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt ghandu jigi pruvat mill-attur.* ***Izda meta l-kwistjoni taz-zmien tittella' mill-imharrek bis-sahha ta' eccezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileggat saret barra zmienha taqa' fuq l-istess imharrek****, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta"* (ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Gunju 1993 fil-kawza fl-ismijiet **N. Vassallo vs F. Esposito**).
[18] Fol. 187.

2004. Joseph Bonnici xehed (affidavit a fol. 188 datat 26 ta' Gunju 2006) li x-xoghol sar fl-1 ta' Mejju 2004, u li *"dakinhar li mort inwahhal ix-xatba jiena tajt invoice lil Lorena Vella naturalment bid-data ta' dakinhar, kif jien soltu naghmel mal-klijenti tieghi, imbaghad giet thallasni xi tliet xhur wara"*. Pero' waqt il-kontro-ezami (seduta tat-12 ta' Jannar 2007) ma kien xejn konsistenti ma' dak li xehed fl-affidavit. M'huwiex bizzejjed li tghid (kif ghamlu l-konvenuti) li dan ix-xhud hu persuna bla skola u li jinfixel malajr. Ghalkemm hu minnu li l-kontro-ezami tieghu ma sarx fil-prezenza tal-Qorti, it-traksrizzjoni tax-xhieda giet registrata *verabatim* u l-Qorti tibqa' temmen li x-xhieda tieghu ma kienet xejn konsistenti ma' dak li qal fl-affidavit (fol. 188). Dan ix-xhud wasal biex ighid li:-

1. Il-kont datat l-1 ta' Mejju 2004 hargu wara dakinhar li sar ix-xoghol ghaliex talbitu l-konvenuta Lorena Vella (fol. 216). Fi stadju iehor fil-kontro-ezami wasal biex ighid li seta' hareg il-kont qabel sar ix-xoghol (fol. 219). Iktar 'il quddiem qal li ma jiftakarx meta l-konvenuta Lorena Vella talbitu biex johrog l-invoice (fol. 220). Ftit linji iktar l-isfel iddikjara li *"dik talbethieli wara"* (fol. 220). Imbaghad rega' biddel il-verzjoni u wasal biex qal li meta hallsitu (fis-6 ta' Awwissu 2004) marret titolbu biex johrog kont (fol. 221).
2. Id-data tal-1 ta' Mejju 2004 ghamilha ghaliex qaltlu jaghmel hekk il-konvenuta Lorena Vella (fol. 217).
3. Ma kienx jaf jekk ix-xoghol sarx fl-1 ta' Mejju 2004 (fol. 217).
4. Ghalkemm fl-invoice hemm id-data tal-1 ta' Mejju 2004, ma jafx id-data meta fir-realta' hareg l-invoice (fol. 219).

Fatturi li jaghmlu x-xhieda ta' Joseph Bonnici xejn kredibbli dwar id-data meta sar ix-xoghol u wisq anqas dik tal-konvenuta Lorena Vella fir-rigward ta' meta tqieghdet ix-xatba tal-hadid. Il-konvenuti ressqu lil dan ix-xhud bl-iskop li jikkoraboraw il-verzjoni taghhom li x-xoghol sar fl-1 ta' Mejju 2004, izda l-Qorti mhi konvinta xejn. Dan apparti l-fatt li hemm xhieda (ezempju tal-attur Raymond Galea (fol. 62) li jikkontradicu dak li qeghdin isostnu whud mill-

konvenuti). Ghalkemm l-atturi naqsu milli jipprezentaw rapport tal-pulizija in sostenn tat-tezi taghhom, ma jfissirx b'daqshekk li l-verzjoni taghhom m'hijiex verosimili u li ghandha tigi skartata (argument li ghamlu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom).

8. Il-fatt li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' whud mill-konvenuti (ara fol. 32-33) jinghad li huma offrew ic-cavetta (li fil-kors tal-provi rrizulta li kien l-attur Anthony Grima) u dan irrifjutha, ma jfissirx b'daqshekk li m'hemmx l-elementi ta' spoll. L-ispoll huwa fil-fatt li whud mill-konvenuti qabdu u kontra l-volonta' ta' min kien jaghmel uzu minn dan il-passagg (u anzi minn wara darahom) ghamlu xatba fejn qabel ma kien hemm xejn fl-entratura; *"chi frappone ostacoli al legittimo o libero esercizio dell'altrui diritto e' uno spogliatore e non puo' invocare in sua difesa disposizioni di legge che sono precisamente intese a reprimere e non gia' a sostituire e proteggere simile atto di spoglio"* (**Notaro Pellegrini Petit vs Giuseppe Sammut** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 1920 – Vol. XXIV.i.281)

9. Fil-kors tal-access li sar fil-5 ta' Lulju 2007, il-konvenuti argumentaw li kien hemm mezz ta' access ghall-ghelieqi tal-konvenuti minn fejn illum hemm *belvedere* u fejn jidher li hemm hajt divizorju tas-sejjiegh (li llum jinsab kwazi mgarraf) li jaqsam l-art tal-konvenuti minn dik ta' wiehed mill-atturi. Ghamlu wkoll riferenza ghal minuti ta' laqgha li kienet saret mill-Kunsill Lokali tan-Nadur nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2003 (fol. 197) sabiex isostnu t-tezi taghhom. Fil-kawza odjerna m'huwiex jigi trattat il-punt jekk l-atturi ghandhomx moghdija alternattiva minn fejn ighaddu ghall-proprjeta' taghhom, u dan it-tip ta' ragunament jezorbita lil hinn mill-meritu u l-iskop ta' kawza ta' spoll.

10. Fir-rigward tal-konvenuti Michael u Olympia konjugi Borg, mill-provi ma rrizultax li dawn b'xi mod ippartecipaw fit-tqeghid tax-xatba. Ghalhekk it-talbiet tal-atturi in kwantu

ndirizzati fil-konfront taghhom ser jigu michuda. L-istess jista' jinghad fir-rigward tal-konvenuti Bernardette Vella u Pauline Vella n-nisa tal-konvenuti Salvu u Michael Vella rispettivament.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tichad it-talbiet tal-atturi in kwantu dawn huma ndirizzati fil-konfront tal-konvenuti Michael u Olympia konjugi Borg, Pauline Vella u Bernardette Vella. Spejjez kontra l-atturi.

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni fis-sens li Raymond Galea naqas milli jaghti prova tal-mandat minnu allegat fir-rigward tal-assenti Mary Attard u f'kull kaz mill-provi ma rrizultax li l-mandanti kellha l-pussess materjali tal-passagg in kwistjoni, izda tichad din l-eccezzjoni in kwantu tirreferi ghal Joseph Mercieca. Spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu ta' Raymond Galea in kwantu l-eccezzjoni tirreferi ghalih, u ghall-konvenuti in kwantu l-eccezzjoni tirreferi ghal Joseph Mercieca.

3. Tilqa' r-raba' eccezzjoni (fol. 32) in kwantu din tirreferi ghall-atturi Salvina mart Angelo Mercieca; Antoinette xebba Galea; Raymond Galea ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsiefra ohtu Mary mart Loreto Attard; Joseph Mercieca nomine; Dorothy Camilleri; Frank Camilleri; Yvonne mart Anthony Camilleri; Miriam mart George Borg; Carmel Camilleri; Adrian Camilleri u Joseph Camilleri. Spejjez ta' dawn l-atturi jibqghu a karigu taghhom.

4. Tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' d-domandi attrici in kwantu dawn jirreferu ghall-atturi Anthony Grima, Maria Portelli, Raymond Galea u ghall-finijiet tat-tieni domanda tipprefiggi lill-konvenuti Andrew u Lorena konjugi Vella, Michael Vella, Peter Vella u Salvu Vella terminu ta' ghoxrin (20) gurnata mil-lum sabiex inehhu x-xatba li saret tal-hadid b'mod li jirripristinaw id-dahla tal-passagg ghall-istat li kienet qabel

ma gie kommess l-ispoll, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi Anthony Grima, Maria Portelli, Raymond Galea sabiex jaghmlu dak mitlub fit-tieni talba. Spejjez a karigu tal-konvenuti izda mhux inkluzi Michael u Olympia konjugi Borg, Pauline Vella u Bernardette Vella.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------